# Il-Ħadd 02.09.2018

1. Infakkar li x-xahar ta' Settembru, skont ix-xewqa tal-Papa Franġisku, huwa ddedikat lill-Ħolqien. Għalhekk tajjeb li nieħdu sehem f'diversi inizzjativi - kemm fuq livell personali u kemm fuq dak soċjali - li jqajmu aktar kuxjenza dwar il-ħarisen tal-ambjent.

2. Il-Ġimgħa 07/09, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

3. Is-Sibt 08/09, it-Twelid tal-Madonna - Il-Bambina:
   *Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddiesa.*
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

4. It-Tlieta 11/09:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:30am u nkunu lura għat-8:00pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

5. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Bejn is-16 u t-22/09, il-Kunsill ser jorganizza ġimgħa ta' attivitajiet b'rabta mal-European Mobility Week 2018 b'inizjattivi favur l-ambjent: se jkun hemm mixjiet madwar ir-raħal, *fun run* u tellieqa bir-roti għat-tfal, taħdita informattiva fis-sala Pietru Pawl Busuttil, u kif ukoll se jkun hemm preżenti l-*Little Fun Bus* fil-pjazza. Programm sħiħ u dettaljat jinħareġ dalwaqt.

6. Avviżi oħra:
   - Wasal il-Fuljett 'Flimkien' ta' Settembru.
     Nitlob lil dawk li jqassmu biex jiġbruh mis-Sagristija ħalli jqassmuh mill-aktar fis.
   - Infakkar li hekk kif ħabbarna fil-festa, tistgħu tibdew tordnaw ritratti li juru l-istatwa titulari ta' San Pawl restawrata. Fuq talba personali jistgħu isiru Ritratti u Frames tal-Wiċċ, il-Bust, jew l-Istatwa, anke fuq il-bradella u l-Bankun. Aktar dettalji mis-Sagristija jew l-Uffiċċju Parrokkjali.
     Prezzijiet:- Ritratt Biss - 12" x 18" € 35; Ritratt bil-Frame - 12" x 18" € 60
     20" x 30" € 70; 20" x 30" € 110

7. Matul il-ġimgħa tal-festa ġbarna:
   - € 335 mill-ġbir li sar fil-Ħruġ min-Niċċa;
   - € 212 mill-ġbir li sar fil-Jiem tat-Tridijiet;
   - € 619 mill-ġbir li sar f'Jum il-Festa;
   - € 1137 mill-ġabra li saret fid-Dħul tal-Purċissjoni;
   - € 430 bħala donazzjonijiet mill-envelopes b'risq il-Festa,
     li hekk b'mod totali laħaq is-somma ta' € 7,390;
   - € 520 mill-Bukkett li ma jinxifx għall-proġetti ta' restawr;

   Grazzi mill-qalb u prosit lil kulħadd biex il-Festa nkunu nistgħu niċċelebrawha b'mod xieraq u jidher li ser nifduha wkoll minkejja l-ispejjeż li qed jogħlew drastikament.